MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 41/2009

Ir-Reġistratur tal-Qorti (Għawdex)

VS

Joseph u Josephine konjuġi Sultana.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ l-imsemmi Reġistratur tal-Qorti ta’ Għawdex, li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi:

(1) Illi permezz ta’ digriet tas-7 ta’ Ottubru 2005 ad istanza tar-rikorrenti Michael Zammit, dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-bejgħ bis-subbasta fl-10 t’April 2006 ta’ diversi oġġetti kif elenkati fl-istess digriet, liema oġġetti

kienu ġew maqbuda mill-poter tad-debituri, il-konvenuti odjerni, permezz tal-mandat tal-qbid numru 129/2005;

(2) Illi meta l-marixxal ta' dina l-Onorabbli Qorti mar biex jeleva l-oġġetti maqbuda fil-jum iffissat għall-bejgħ bis-subbasta kif ukoll qabel l-imsemmi jum, id-debitur Joseph Sultana rrifjuta li jgħaddi l-oġġetti maqbuda u għalhekk, l-oġġetti maqbuda ma kienux disponibbli sabiex jinbiegħu in subbasta.

(3) Illi sussegwentement, din l-Onorabbli Qorti ordnat permezz ta' digriet tad-29 ta' Awwissu 2009 illi l-Marixxal tagħha jiġbor l-oġġetti maqbuda u jgħaddilhom lil Joe Magro li nħatar bħala konsenjatarju.

(4) Illi fl-4 ta' Settembru 2008, il-Marixxal ta' dina l-Onorabbli Qorti ddikjara ili huwa ġie nfurmat mill-kreditur illi l-oġġetti kollha maqbuda permezz tal-mandat ta'qbid suċitat kienu nbiegħu mid-debitur Joseph Sultana u għalhekk, is-subbasta ma setgħetx issir.

(5) Illi sussegwentement, dina l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Settembru, 2008 ordnat illi, fil-waqt illi ssospendiet is-subbasta in kwistjoni, jittieħdu proċeduri a kura tal-attur għad-disprezz fil-konfront tad-debituri Joseph u Josephine konjuġi Sultana, il-konvenuti odjerni għal dak li jidher prima facie li kien ksur ta' l-ordni tagħha.

Talbet lill-konvenuti Sultana jgħidu għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex in vista tas-suespost, :

(1) Tiddikjarahom ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti u

(2) Konsegwentement tikkundannahom għal xi waħda mis-sanzjonijiet ikkontemplati fit-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u senjatament, l-artiklu 997 tal-Kap. 12

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konjuġi Sultana li permezz tagħha huma eċċepew Illi:

1. Illi fl-ewwel lok, din il-kawża kwantu intavolata fil-konfront ta' Josephine Sultana, hija waħda rrita stante illi Josephine Sltana lanqas biss kienet taf x'inhu qiegħed jiġri f'dan il-każ u kwalunkwe diskussjonijiet bejn uffiċjali tal-Qorti kienu qed isiru ma' żewġha Joseph Sultana. Jekk dato sed non concesso kien hemm xi nuqqas da parti ta' xi ħadd, żgur ma kienx minn naha tagħha.

2. Illi l-proċeduri sabiex jiġu elevati l-oġġetti mertu tas-subbasta ma sarux skond il-liġi u kienu proċeduralment ħżiena. Kwindi, ħadd mill-konvenuti ma jista' jiġi misjub ħati li kiser xi ordni leġittima ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi ħadd mill-konvenutima għamel xejn bi sfida lejn l-ordnijiet tal-Qorti. Di fatti l-eċċċipjenti u l-kreditur eżekutant kienu qegħdin fi trattattivi bejniethom u kien ġia sar parti mill-ħlas.

4. Illi għalhekk ħadd mill-konvenuti ma għandu jiġimisjub ħati ta' disprezz.

5. Illi d-domandi attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

6. Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Joseph Sultana li għandu konoxxenza vera u proprjaq tal-fatti fuq imsemmija.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semgħet lill-konvenut Joseph Sultana fl-udjenza tal-lum stess jiskuża ruħu ghal dak kollu li ġara, u li spjega l-fatti li wassluh għal din il-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukat tal-attriċi,

Il-Qorti, wara li rat l-artiklu 997 tal-Kap 12, u li kkunsidrat ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tikkundanna lill-konvenuti għal ammonizzjoni .

L-ispejjeż ta' din il-kawża fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għandhom jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------